# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju, 2002**

**Citazzjoni numru : 202/1999G1(PC)**

Peter, Rose Buttigieg, Frank, Grace, Carmel, Maria Grima, Salvina Portelli, Carmelo, Cafmela Grech, Joseph, Rita, Josephine Sammut, Mary Assunta Sammut, u Jane Grech, ilkoll ahwa Azzopardi .

vs

Joseph Azzopardi .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi n-nannu tal-kontendenti Francesco Azzopardi kien akkwista minghand il-Knisja Kolleggjata tan-Nadur il-qabar mmarkat bin-numri 181 u 182 fic-cimiterju tan-Nadur sabiex fih jindifen hu u d-dixxendenti tieghu .

Illi l-imsemmi Francesco Azzopardi lahaq miet qabel ma kellu l-opportunita li jiffirma l-iskrittura tat-trasferiment quddiem il-Kancillier skond id-dritt kanoniku, liema skrittura giet imbaghad iffirmata minn bintu Theresa Azzopardi .

Illi effettivament l-imsemmi Francesco gie midfun fl-imsemmi qabar kif ukoll missier u omm il-kontendenti u z-zijiet taghhom, ulied il-mejjet Francesco Azzopardi .

Illi recentement il-konvenut qed jippretendi li l-imsemmi qabar huwa proprjeta' esklussiva tieghu .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-qabar fuq imsemmi numru 181 182 fic-cimiterju tan-Nadur huwa proprjeta' tal-kontendenti peress li gie akkwistat fl-interess tal-imsemmi Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu .
2. Bl-ispejjez kompriżi dawk tal-ittri interpellatorji tatl-15 ta' Frar 1999 u tat-23 ta' Marzu 1999, kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa debitament imharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi, konfermata bil-gurament ta' Peter Azzopardi .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda stante illi l-qabar numri 181 u 182 li jinsab fic-cimiterju tan-Nadur qatt ma gie akkwistat minn Francesco Azzopardi li jigi n-nannu tal-kontendenti kif qed isostni l-atturi .
2. Illi dan il-qabar jappartjeni unikament lill-konvenut Joseph Azzopardi stante illi dan gie akkwistat minn Tereza Azzopardi, iz-zija tal-eccipjent permezz ta' skrittura li saret fil-Kurja ta' ghawdex fid-disgha u ghoxrin (29) ta'April elf disgha mija u sitta u sittin . L-istess Tereza Azzopardi permezz ta' testment taghha datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar elf disa' mija erbgha u sebghin (1974) innominat bhala eredi universali lil huha Guzepp Azzopardi li minn naha tieghu permezz ta' testment tat-tlettax (13) ta' Frar elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) innomina lill-konvenut Joseph Azzopardi bhala eredi univerali tieghu .
3. Illi l-konvenut sa mill-mewt ta' zijuh Guzepp Azzopardi dejjem ikkontenda li l-qabar in kwistjoni huwa proprjeta' esklussiva tieghu u dan kif qablu dejjem ikkontendew iz-zijiet tieghu Teresa u Guzepp ahwa Azzopardi .
4. D-dfin kollu li sar f'dan il-qabar dejjem sar bl-approvazzjoni ta' wiehed mis-segwenti dejjem accettaw li qraba kollha jindifnu fil-qabar taghhom jindifnu fil-qabar taghhom .
5. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut minnu mahlufa .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda migbura mill-Assistent Gudizzjarju taghha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tirrigwarda l-proprjeta' ta' qabar fic-cimiterju tan-Nadur . L-atturi jikkontendu li dan il-qabar jappartjeni lid-dixxendenti kollha ta' Francesco Azzopardi, li kienet l-ewwel persuna li ndifnet fih . Il-konvenut minn naha l-ohra jikkontendi illi dan l-istess qabar huwa unikament tieghu ghax gie ghandu b'wirt minghand zijuh Giuseppe Azzopardi (ara testment Dok. Ca fol. 35 tal-process), li da parti tieghu kien eredi universali ta' ohtu xebba Teresa Azzopardi (Dok. B a fol. 34) .

Irrizulta mill-provi migbura illi l-imsemmi Francesco Azzopardi kien applika ghall-qabar in kwistjoni fl-1958 u infatti nkisbet ukoll l-approvazzjoni ta' l-Isqof Djocesan ta' dak iz-zmien sabiex isir it-trasferiment relattiv (Dokti. PA 1 u 2 a fol. 64 tal-process) . Imma ghal xi raguni jew ohra it-trasferiment proprju baqa' ma lahaqx sar sakemm dan miet fl-1965 . Madankollu jidher illi l-familja tieghu xorta wahda hadet il-pussess immedjat ta' dan il-qabar u infatti Francesco Azzopardi kien indifen fih, bhal ma beda jindifen fl-istess qabar, kull membru tal-familja tieghu li kien imut .

Gara pero' illi wara l-mewt ta' missierha, Teresa Azzopardi bint xebba ta' l-imsemmi Francesco Azzopardi, wara li ngibditilha l-attenzjoni mill-awtoritajiet ekklezjastici li l-posizzjoni dwar dan il-qabar ma kienitx regolari, ghax ma kienx sar it-trasferiment formali, regghet ghamlet applikazzjoni mal-Kurja t'Ghawdex fit-8 ta' Frar 1966, sabiex tixtri dan il-qabar . Infatti wara li saret tali applikazzjoni mill-gdid, sar it-trasferiment bil-proceduri rikjesta mill-Kurja f'dawk iz-zminijiet (Dok. P.A. 3 a fol. 65) . Imma kif sewwa indika l-Kancillier prezenti tal-Kurja t'Ghawdex fid-deposizzjoni tieghu (a fol. 60), l-att ta' trasferiment relattiv kien difettuz, billi ma kienitx inkisbet l-approvazzjoni ta' l-Isqof . Infatti kuntrarjament ghal dak li jirrizulta mill-applikazzjoni ta' Francesco Azzopardi (Dok. P.A.

2, fejn tidher b'mod evidenti l-firma ta' l-Isqof Giuseppe Pace, f'dik ta' Teresa Azzopardi (Dok. P.A. 3), il-firma ta' l-Isqof hija nieqsa .

Jidher ghalhekk illi d-difett li riedu jissanaw l-awtoritajiet ekklezjastici meta nformaw lil Teresa Azzopardi li t-trasferiment tal-qabar *de quo* ma lahaqx sar sakemm miet missierha, baqa' xorta wahda ma giex rimedjat bl-iskrittura li saret maghha fid-29 ta' April 1966, u dana appuntu ghax dik l-iskrittura saret minghajr ma kienet inkisbet l-awtorita' ta' l-Isqof Djocesan .

Apparti pero' l-procedura li l-Kurja kienet tqis mehtiega ghall-iskopijiet taghha sabiex isir trasferiment ta' oqbra, jibqa' l-fatt illi l-ligi civili ta' pajjizna tirrikjedi l-kuntratt pubbliku ghal kwalunkwe trasferiment ta' proprjeta' mmobbli, bhal ma certament hu qabar (art. 1363(1) tal-Kap. 16) . Zgur ghalhekk illi titolu validu fil-ligi naxxenti minn kuntratt pubbliku fil-kaz in ezami ma jezistix, la favur parti u lanqas favur l-ohra . Imma minn naha l-ohra lanqas jista' jinghad illi din il-proprjeta' ghadha tappartjeni lill-kurja t'Ghawdex . Fil-fehma tal-Qorti hawn ghandna kaz klassiku fejn tapplika l-preskrizzjoni . Il-Kurja ilha li spussessat ruhha minn dan il-qabar ta' l-inqas sa mill-1958 u minn dakinhar qatt ma regghet ivvantat xi tip ta' titolu fuq l-istess qabar . Il-kontestazzjoni prezenti hija biss bejn id-dixxendenti ta' l-imsemmi Francesco Azzopardi .

**"La prescrizione e' un mezzo di acquistare o di liberarsi mediante un certo corso di tempo e colle condizioni determinate dalla legge**" (Troplong: Commentario Sulla Prescrizione; Napoli 1852) . F'dan ir-rigward japplika ghall-kaz in ezami l-artikolu 2143 tal-Kap. 16 li jiddisponi illi:

*"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."*

Billi hawnhekk si tratta ta' beni ekklezjasitici (qabar f'cimiterju appartenenti l-Knisja tan-Nadur), japplika wkoll l-artikolu sussegwenti :

"Art. 2144(1) *Iz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni msemmi fl-artikoli 2140 u 2143 ma jghoddx ghall-preskrizzjoni fil-kaz ta' immobbli suggett ghal fedekommess,jew ta' immobbli jew azzjonijiet li jkunu ta' jew li jmissu lil knejjes jew xi istituzzjoni pija.*

(2) F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin f'dawk l-artikoli, il-preskrizzjoni dwar il-hwejjeg u l-azzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu taghlaq biss bl-eghluq ta' erbghin sena, izda ebda opposizzjoni ghal din il-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."

Ir-Rikors ta' Francesco Azzopardi lill-Kurja t'Ghawdex biex jixtri l-qabar in kwistjoni sar fil-31 ta' Jannar 1958 (Dok. P.A. 2) . Mhux kontestat illi l-qabar ghadda fil-pussess tieghu immedjatament u infatti kien l-ewwel wiehed li ndifen fih . Warajh indifnu diversi membri ohra tal-familja tieghu, sew qrabat ta' l-atturi u anke tal-konvenut . Minkejja illi l-konvenut jikkontendi illi d-dfin tal-membri tal-familji ta' l-atturi kien isir dejjem bil-kunsens ta' Teresa Azzopardi jew ta' huwa Giuseppe Azzopardi, li minghandhom jippretendi li wiret dan il-qabar, ma jidhirx illi ghax semplicement kienu jinfurmawhom li riedu jaghmlu uzu mill-qabar, il-familji ta' l-atturi b'daqshekk kienu qed jirrikonoxxu li l-qabar kien taghhom u mhux tad-dixxendenti kollha ta' Francesco Azzopardi . Sakemm inqala' l-incident fejn il-konvenut ried jaghmel wahdu it-tiswijiet mehtiega fuq il-qabar ftit qabel ma giet istitwita l-kawza presenti, hadd mill-atturi ma kien jobsor illi l-konvenut kien qed jippretendi li l-qabar kien sar proprjeta' tieghu biss .

Fi kwalunkwe kaz din il-preskrizzjoni ta' erbghin sena tista' tapplika biss fir-rigward tad-dixxendenti kollha ta' l-istess Francesco Azzopardi, billi rrizulta illi l-qabar gie f'idejh fl-1958 u kien minn dakinhar li seta' jinghad illi huwa u warajh id-dixxendenti kollha tieghu kellhom il-pussess "*kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghaz-zmien li trid il-ligi* (art. 2107(1) Kap. 16) . Ghall-kuntrarju l-konvenut ma jista' jivvanta ebda preskrizzjoni simili a favur tieghu, (ghax Teresa Azzopardi applikat biss fl-1966) u kif gia gie stabilit, lanqas ebda titolu iehor validu fil-ligi .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara illi l-qabar bin-numri mija wiehed u tmenin (181) u mija tnejn u tmenin (182) fic-cimiterju tan-Nadur, huwa proprjeta' tal-kontendenti kollha f'din il-kawza, peress li gie akkwistat fl-interess tal-imsemmi Francesco Azzopardi u d-dixxendenti tieghu, u dana bis-sahha tal-preskrizzjoni ta' erbghin sena kif hawn fuq spjegat .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-15 ta' Frar 1999 u tat-23 ta' Marzu 1999, kollha kontra l-konvenut .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S20296G1(Pc)
1438